**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 25 ta'  Gunju, 2025**

Numru 4

**Rikors Nru. 23/2024**

**Yaniv Cohen**

**vs**

**Foris Dax MT Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul min Yaniv Cohen wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-23 ta' Ottubru 2024 fejn iddikjarat l-appell iritu u null;

Rat ir-risposta;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Din hi sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni maghmula minn Yaniv Cohen taht l-artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12 sabiex jinstema mill-gdid l-appell li gie maqtugh minn din il-Qorti b'sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2023, wara li tigi mhassra l-istess sentenza.

L-appell li wassal ghal din it-talba gie in segwitu ghal decizjoni tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji tat-22 ta' Marzu 2024 fejn l-Arbitru cahad it-talbiet tal-attur.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-23 ta' Ottubru 2024 laqghet l-eccezzjoni preliminari mressqa mis-socjeta konvenuta tan-nullita tal-appell ai termini tal-artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 u iddikjarat l-appell irritu u null u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu.

Il-konvenut ritrattand jibbaza t-talba tieghu principalment fuq zewg brani mehuda mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri li jqishom li jikkostitwixxu applikazzjoni hazina tal-ligi (artikolu 811(e) Kap. 12) u sentenza moghtija b'effett ta' zball (artikolu 811(l) Kap. 12).

**Artikolu 811(e) zball ta' ligi**

Din il-Qorti tqis li bhala punt ta' tluq, talba ta' ritrattazzjoni fuq dan l-artikolu timplika uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor (ara **Alexander Gray Bannerman et vs John Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Ghalhekk, biex tinghata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-qorti applikat il-ligi l-hazina fis-sentenza attakkata. Huwa minhabba f'hekk ukoll li l-ligi fl-artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta trid li min jitlob is-smigh mill-gdid ta' kawza jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-ligi t-tajba li suppost giet applikata (ara **Joseph Spiteri et vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

Is-sentenza ghandha tithassar mhux meta tinterpreta u tapplika l-ligi hazin izda meta tapplika ligi flok ohra li tghodd ghall-kaz, i.e. mhux ghax tkun applikat hazin il-ligi applikabbli izda ghax tkun applikat il-ligi l-hazina. Fi kliem iehor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-ligi hazina meta l-qorti tkun applikat b'mod hazin il-ligi t-tajba li kienet tghodd ghall-kaz (ara **Francesco Saverio Borg vs Joseph Mallia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 u **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wiehed izomm quddiem ghajnejh li biex

jista' jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal- ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara **Paul Piscopo et vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022).

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha qalet hekk:

Din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra qabel xejn kwistjoni preliminari li qieghda tigi ssollevata mis-socjetà appellata, li hija dik tan-nullità tal-appell odjern, stante li l-appellant m'ottemporax ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 180(1) tal-Kap. 12, fid-dawl tal-fatt li huwa mhux residenti hawn Malta.

Il-Qorti tghid li s-socjetà appellata ghandha ragun. Id-dispozizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 180(1) tal-Kap. 12 huma cari u inekwivoci fl-intendiment taghhom:

*"180.(1) Bla hsara tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 181, il-prezentata tal-iskritturi tista' ssir –*
*(a) mill-parti stess li tidher fl-isem taghha nfisha, ... jew bhala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gzira ta' Malta jew ta' Ghawdex, li fiha l-iskrittura tigi pprezentata;"*
...

L-imsemmija dispozizzjonijiet ma jhallu l-ebda dubju li l-ligi ma tippermettiex persuni li huma residenti barra minn dawn il-gzejjer, li jipprezentaw skritturi fir-Registru tal-Qorti, sakemm huma mhumiex debitament rapprezentati fl-istess gzejjer. Fil-kaz odjern l-indirizz li ndika l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu huwa gewwa l-Izrael, u galadarba ma jirrizultax mill-atti li huwa debitament rapprezentat hawn Malta skont il-ligi, dan ma setax ghamlu, u l-appell tieghu huwa wiehed irregolari.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddikjara l-appell odjern irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.
Bl-ispejjez kontra l-appellant.

Ir-ritrattand isostni li l-Att dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji Kap. 555 fl-artikolu 22(8) jipprovdi li l-arbitru jirregola l-procedura tieghu skont ir-regoli ta' gustizzja naturali izda nuqqas ta' osservanza ta' xi formalitajiet ma jinvalidax il-procedura jekk hemm konformita fis-sustanza. Ma hemmx provvedimenti dwar kif jitmexxew il-proceduri quddiem il-Qorti. L-artikolu 27 jitkellem fuq l-appell mid-decizjoni tal-Arbitru li jsir skont l-artikolu 41(9) tal-Kap. 12 regolat bir-regoli taht l-artikolu 29 tal-Kap. 12. Dan juri li ma hemmx formalitajiet ohra kif jigi prezentat appell. Il-Qorti applikat hazin l-artikolu 180(1)(a) ghaliex kellha tirreferi ghal dak li hemm fil-Kap. 555. Din il-kwistjoni ma tqajmitx quddiem l-arbitru ghax ma hemmx htiega li r-ritrattand ikun rapprezentat skont dik il-ligi, liema proceduri tkomplew bl-istess principji quddiem il-Qorti tal-Appell. Fin-nuqqas il-Qorti tkun qed tonqos milli tapplika l-principji ta' gustizzja naturali,

tikser il-legitimate expectations u legal certainty li johorgu mill-Kap. 555 kif ukoll ksur ta' dritt ta' smigh xieraq.

F'kull kaz l-artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 ma kienx il-provvediment rilevanti anki jekk l-artikolu kien applikabbli. Huma s-subincizi (b) u (f) tal-artikolu 180(1) tal-Kap. 12 li huma rilevanti billi att jista' jigi prezentat minn avukat jew prokuratur legali. Il-gurisprudenza fil-fatt tqis li ma hemmx nullita jekk ma hemmx pregudizzju kif irid l-artikolu 789(1)(a)(c) u (2).

Din il-Qorti taqbel mar-ritrattand li irrispettivament minn dak li jghid il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 gie applikat hazin ghal vertenza in ezami. L-eccezzjoni tar-rittrattat hi li r-ritrattand naqas li josserva dak li jrid l-artikolu 180(1)(a) ghax mhux residenti Malta u mhux rapprezentat b'mandatarju specjali. Il-Qorti tal-Appell inkorriet zball ta' ligi billi l-artikolu 180(1) tal-Kap. 12 jirreferi ghal prezentata ta' skrittura mhux dwar il-legittimata attiva tal-persuna. L-artikolu rilevanti ghal kaz hu l-artikolu 180(1)(b) tal-Kap. 12 billi skrittura tista' tigi prezentata minn prokuratur legali minghajr ma hemm xi kondizzjoni jew limitazzjoni fuq ir-rapprezentanza o meno tal-persuna li f'ismu qed tigi prezentata l-iskrittura. Is-subincizi tal-artikolu 180(1) tal-Kap. 12 jirreferu biss ghal persuni li jistghu jipprezentaw atti f'isem haddiehor. Jekk fil-prosegwiment tal-proceduri din il-persuna ma ghandhiex legitimazzjoni attiva hi kwistjoni ohra mhux inkluz fil-konsiderazzjonijiet rigward l-artikolu 180.

Ghal din ir-raguni biss it-talba ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tat-23 ta' Ottubru 2024 ser tintlaqa'.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-ritrattand u thassar is-sentenza appellata fl-ismiijiet premessi tat-23 ta' Ottubru 2024, bl-ispejjez ghar-ritrattat.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur